31992R3515

IR-REGOLAMENT TAL-KOMMISSJONI (KEE) Nru 3515/92

ta' l-4 ta' Diċembru 1992

li jistabilixxi regoli dettaljati komuni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1055/77 dwar il-ħażna u l-moviment tal-prodotti mixtrija permezz ta' aġenzija ta' l-intervent.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1055/77 tas-17 ta' Mejju 1977 dwar il-ħażna u l-moviment tal-prodotti mixtrija permezz ta' aġenzija ta' l-intervent [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1722/77 [2] kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3826/85 [3] iħejji regoli komuni dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KEE) Nru 1055/77; billi f'konnessjoni ma' l-abolizzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fuq il-fruntieri interni u għar-raġunijiet taċ-ċarezza u ta' l-amministrazzjoni effiċjenti, ir-regoli konċernati għandhom jiġu abbozzati mill-ġdid; billi r-Regolament (KEE) Nru 1722/77 għandu għalhekk jiġi abrogat;

Billi l-awtoritajiet kompetenti huma mgħarrfa dwar il-kummerċ kollu fil-prodotti konċernati; billi, għalhekk, għas-sempliċità amministrattiva, huwa xieraq illi ma għandhiex tkun meħtieġa liċenzja rigward il-prodotti miżmuma minn aġenzija ta' l-intervent u li jiġu esportati lejn pajjiż mhux membru għall-ħażna fih jew mibgħuta lura lejn l-Istat Membru tat-tluq;

Billi l-esportazzjoni ta' prodotti ta' l-intervent għall-ħażna f'pajjiż terz għandha tiġi kkunsidrata bħala esportazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 3(2)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2726/90 tas-17 ta' Settembru 1990 dwar it-transitu Kommunitarju [4];

Waqt li l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjonijiet tal-Kumitati ta' ġestjoni rilevanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għad-derogi provvduti fir-regoli Komunitarji speċifiċi għal ċerti prodotti, dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli komuni dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KEE) Nru 1055/77.

TITOLU 1

Il-prodotti ta' l-intervent trasportati għall-ħażna f'pajjiż terz

Artikolu 2

Fil-każijiet koperti mill-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1055/77, meta l-prodotti jiġu esportati lejn pajjiż terz sabiex jinħażnu hemmhekk, id-dokument imsemmi fl-Artikolu 3 tiegħu u d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandhom jiġu ddepożitati fl-uffiċċju tad-dwana kompetenti fl-Istat Membru fejn tkun tinsab l-aġenzija ta' l-intervent responsabbli mill-prodotti.

Id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u, jekk ikun meħtieġ, id-dokument tat-transitu estern Komunitarju jew id-dokument nazzjonali ekwivalenti għandhom juru waħda mill-endorsjar li ġejjin:

— «Productos de intervención en poder de... (nombre y dirección del organismo de intervención) destinados a ser almacenados en... (país afectado y dirección del lugar de almacenamiento previsto). Aplicación del primer guión del artículo 2 del Reglamento (CEE) nº 1055/77»;

— »Produkter fra intervention som... (navn og adresse på interventionsorganet) ligger inde med, og som er bestemt til oplagring i... (det pågældende land og adressen på det forventede oplagringssted). Anvendelse af artikel 2, første led, i forordning (EØF) nr. 1055/77«

— „Interventionserzeugnisse im Besitz von... (Name und Anschrift der Interventionsstelle), zur Lagerung in... (Land und Anschrift des vorgesehenen Lagerorts) bestimmt. Anwendung von Artikel 2 erster Gedankenstrich der Verordnung (EWG) Nr. 1055/77"

— Προϊόντα παρέμβασης που ευρίσκονται στην κατοχή του... (ονομασία και διεύθυνση του οργανισμού παρέμβασης) προς αποθήκευση εις... (χώρα και διεύθυνση του προτεινόμενου χώρου αποθήκευσης) - σε εφαρμογή της πρώτης περίπτωσης του άρθρου 2 του κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 1055/77;

— Intervention products held by… (name and address of the interveniton agency) for storage in …(country concerned and address of the proposed place of storage). Application of the first indent of Article 2 of Regulation (EEC) No 1055/77;

— «Produits d'intervention détenus par... (nom et adresse de l'organisme d'intervention) destinés à être stockés en/au... (pays concerné et adresse du lieu de stockage prévu). Application de l'article 2 premier tiret du règlement (CEE) nº 1055/77»;

[1] ĠU L 128, ta' l-24.5.1977, pġ. 1.
[2] ĠU L 189, tad-29.7.1977, pġ. 36.
[3] ĠU L 371, tal-31.12.1985, pġ. 1.
[4] ĠU L 262, tas-26.9.1990, pġ. 1.

— «Prodotti di intervento detenuti da... (nome e indirizzo dell'organismo d'intervento) destinati ad essere immagazzinati in... (paese interessato e indirizzo del luogo di immagazzinamento previsto). Applicazione dell'articolo 2, primo trattino, del regolamento (CEE) n. 1055/77»;

— „Interventieprodukten in het bezit van... (naam en adres van het interventiebureau) - bestemd voor opslag in... (betrokken land en adres van de opslagplaats). Toepassing van artikel 2, eerste streepje, van Verordening (EEG) nr. 1055/77";

— «Produtos de intervenção em poder de... (nome e morada do organismo de intervenção) destinados a serem armazenados em/no... (país em causa e morada do local de armazenagem previsto). Aplicação do primeiro travessão do artigo 2º do Regulamento (CEE) n.º 1055/77».

L-ebda licenza ta' esportazzjoni ma għandha tigi mitluba fir-rigward tal-formalitajiet ta' l-esportazzjoni tad-dwana.

Artikolu 3

Id-dokument msemmi fl-Artikolu 2 għandu jinħareġ mill-aġenzija ta' l-intervent ta' l-Istat Membru tat-tluq, għandu jkollu numru fuqu u jagħti:

— deskrizzjoni tal-prodotti u, fejn xieraq, kull tagħrif ieħor meħtieġ għall-għanijiet ta' kontroll,

— in-numru, it-tip u, fejn xieraq, il-marki u n-numri tal-pakketti,

— il-massa grossa u netta tal-prodotti,

— referenza għar-Regolament (KEE) Nru 1055/77, li jispeċifika illi l-prodotti huma maħsuba għall-ħażna,

— l-indirizz tal-post propost għall-ħażna.

Fil-każ li jiġi applikat l-Artikolu 2, dan id-dokument għandu jinżamm mill-uffiċċju tad-dwana fejn tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u kopja ta' dan id-dokument għandha takkumpanja l-prodott.

Artikolu 4

1. Fejn il-prodotti miżmuma minn aġenzija ta' l-intervent u maħżuna f'pajjiż terz jiġu sussegwentement re-importati fl-Istat Membru li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu taqa' din l-aġenzija, mingħajr ma jiġu mibjugħa:

— ir-re-importazzjoni għandha tkun soġġetta għall-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1055/77,

— l-ebda liċenza ta' importazzjoni ma għandha għalfejn tiġi sottomessa.

2. B'żieda ma' dan, id-dokumenti li ġejjin għandhom jiġu sottomessi lill-uffiċċju tad-dwana tar-re-importazzjoni:

— il-kopja endorsjata ta' l-esportatur tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni maħruġa għall-esportazzjoni tal-prodotti lejn il-pajjiż terz tal-ħażna, jew kopja jew fotokopja ta' dan id-dokument awtentikat bħala korrispondenti ma' l-oriġinali mill-uffiċju ta' dwana li jkun ħareġ id-dokument oriġinali,

— dokument maħruġ mill-aġenzija ta' l-intervent responsabbli mill-prodotti li jkun fihom it-tagħrif ipprovvdut fl-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' inċiżi ta' l-Artikolu 3..

Dawn id-dokumenti għandhom jinżammu mill-uffiċċju tad-dwana tar-re-importazzjoni..

TITOLU 2

Il-prodotti ta' l-intervent transferiti minn aġenzija ta' l-intervent għal oħra

Artikolu 5

Fil-każijiet previsti fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1055/77, fejn il-prodotti jiġu mibgħuta lill-Istat Membru ieħor bħala operazzjoni ta' transferiment, il-prodotti għandhom ikunu akkumpanjati b'Kopja tal-Kontroll T5 msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2823/87 [1]. Il-Kopja tal-Kontroll T5 għandha tinħareġ mill-aġenzija ta' l-intervent li tibgħat il-prodotti u għandha turi fil-kaxxa 104 waħda mill-endorsjar li ġejjin

— «Productos de intervención - operación de transferencia»;

— »Produkter fra intervention – overførsel«;

— „Interventionserzeugnisse – Transfer";

— «Προϊόντα παρέμβασης - Πράξη μεταβίβασης»;

— 'Intervention products - transfer operation';

— «Produits d'intervention - opération de transfert»;

— «Prodotti di intervento - operazione trasferimento»;

— „Interventieprodukten – Overdracht";

— «Produtos de intervenção - operação de transferência»;

Il-kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-Regolament preżenti.

L-Istat Membru jista' jippermetti li l-Kopja tal-Kontroll T5 tinħareġ minn awtorità maħtura għal dan il-għan minflok mill-aġenzija ta' l-intervent.

Il-Kopja tal-Kontroll T5 għandha tintbagħat lura direttament lill-aġenzija ta' l-intervent li tkun bagħtet il-prodotti wara li jkunu ġew kontrollati u endorsjati kif xieraq mill-aġenzija ta' l-intervent ta' l-Istat Membru fejn ikunu ġew trasferiti l-prodotti.

TITOLU 3

Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 6

Il-prodotti maħżuna fi Stat Membru ieħor qabel l-1 ta' Jannar 1993 għandhom jiġu rrilaxxjati mis-sorveljanza tad-dwana fuq it-talba ta' l-aġenzija ta' l-intervent responsabbli mill-prodotti.

Artikolu 7

Ir-Regolament (KEE) Nru 1722/77 huwa abrogat.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

[1] ĠU L 270, tat-23.9.1987, pġ. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kummissjoni
Ray MAC SHARRY
Membru tal-Kummissjoni